MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Kongunt Numru. 134/2012

**A B**

**u**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt ta’ A B u C B;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat ix-xhieda li taw il-partijiet permezz tal-affidavit;

Semghet lill-partijiet jixhdu viva voce;

Rat illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Gunju 1991;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-partijet irnexxielhom jippruvaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Lulju 2005;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi il-manteniment mahsub ghat-tifla minuri huwa regolat skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali u ma hemm l-ebda problema f'dan ir-rigward u illi ma hemm l-ebda ammont dovut bhala manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------